# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tnejn u Tletin (32) – Laqgħa b'urġenza**

**21 ta' Mejju 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' b'mod virtwali fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

Aaron Agius – Viċi Sindku
Anthony Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

32.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Aaron Agius u tal-Kunsillier Anthony Attard li ma setgħux jattendu għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet personali.

32.1.2 Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw unanimament din l-apoloġija.

**32.2 Ingaġġ ta' impjieġ ġdid mal-Kunsill**

32.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex jiġi diskuss l-ingaġġ ta' impjieg ġdid mal-Kunsill wara li s-Sinjura Manolita Manicaro tat avviż lis-Segretarju Eżekuttiv għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha mal-Kunsill nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard qal li s-Sinjura Manolita Manicaro ttemm l-impjieg tagħha b'mod uffiċjali fil-15 ta' Awwissu li ġej.

32.2.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nibdew il-proċess sabiex jiġi ingaġġat impjegat ġdid mal-Kunsill fi skala 13 biex jieħu post is-Sinjura Manolita Manicaro. Għaldaqstant, il-Kunsill ser jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali skont kif jistipula l-Att dwar il-Gvern Lokali sabiex jiskatta dan il-proċess.

32.2.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li matul din il-ġimgħa applikajna għall-iskema imnedija mill-Gvern Ċentrali sabiex matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu, ikollna s-servizz ta' student universitarju li jkun jista' jagħmel xogħol klerikali fl-uffiċċju tal-Kunsill.

32.2.3 Il-Kunsill b'mod unanimu irringrazzja lis-Sinjura Manolita Manicaro għall-ħidma tagħha f'dawn l-aħħar seba' snin u awguralha kull suċċess fil-karriera tagħha.

32.2.4 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.10pm.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**